MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2010

Numru. 139/2010

**Il-Pulizija
[Spettur Jesmond Micallef]**

**vs**

**Mariella Bugeja**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Mariella Bugeja ta' 33 sena, imwielda Pieta` fis-26 ta' Gunju 1976, bint Anthony u Rose née Borg, residenti Rose, Flat 3, School Street, Msida, detentrici tal-karta tal-identita` numru 317176(M).

Akkuzat talli fid-19 ta' Novembru 2009, ghall-habta tal-10.00 p.m. fl-Imsida:
1. Kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

2. Bil-lejl kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor;

3. Ingurjat jew hedded lil Charlie C. Abela u lil David P. Buttigieg, jew jekk kienet ipprovokatha, ingurjathom b'mod li harget barra mil-limiti tal-provokazzjoni; u

4. Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe` fuq hgiega ghad-detriment ta' Clifford J. Debattista.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-Artikoli indikati.

Stante li ma hijiex konvinta li l-valur tal-hgiega tammonta ghal aktar minn mija u sittax il-Ewro (€116) ghalhekk qed tirreverti ruhha ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u qieghda tillibera lill-imputata stante nuqqas ta' provi u stante d-dikjarazzjoni tal-parte civile li ma jridx ikompli aktar b'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------